REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 33/2010

tat-12 ta' Jannar 2010

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura statistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-klassifikazzjoni taż-żraben bil-wiċċ li jikkonsisti fi tnejn jew iktar materjali, fl-applikazzjoni tan-Nota 4 (a) flimkien man-nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 64 tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, it-tieni sentenza tan-nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 64 għandha tiġi kkjarifikata billi jiġi ddikjarat kif għandha ssir il-verifika dwar jekk il-materjali għandhomx il-karatteristiċi ta' wiċċ.

(2) Fis-sentenza tagħha dwar il-każ C-165/07, Skatteministeriet v Ecco Sko A/S [2], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea introduċiet "test tal-mixi" għall-iskop ta' din il-verifika. It-test jeħtieġ verifika dwar jekk il-materjali tal-wiċċ jipprovdux biżżejjed appoġġ għas-sieq sabiex min jilbsu jkun jista' jimxi biż-żarbun.

(3) Għalhekk huwa xieraq li jiġi speċifikat fin-nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 64 li biex il-materjali jkollhom il-karatteristiċi ta' wiċċ, għandhom jappoġġjaw is-sieq b'mod suffiċjenti sabiex min jilbsu jkun jista' jimxi biż-żarbun.

(4) Fis-sentenza tagħha l-Qorti ma tispeċifikax jekk it-"test tal-mixi" għandhux isir bil-qafliet jew mingħajrhom. Il-Qorti tħalli d-deċiżjoni għall-qorti nazzjonali li tirreferi biex tagħmel il-kostatazzjonijiet meħtieġa. Il-fatt li tiddependi fuq il-mod li bih titneħħa l-ġilda, kemm jekk il-qafliet jibqgħu fil-post kif ukoll jekk le, jista' jwassal għal interpretazzjoni diverġenti tas-sentenza.

(5) Sabiex issir interpretazzjoni uniformi fir-rigward tas-sistemi ta' qfil, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat fini-nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 64 li s-sistemi ta' qfil għandhom ikunu fil-post matul it-test. Jekk le, f'każ li żarbun jeħtieġ sistema ta' qfil, pereżempju lazzijiet, biex ikun jista' jiffunzjona, it-test tal-mixi tfalli b'kwalunkwe materjal, minħabba li min jilbsu ma jkun qatt jista' jimxi bih mingħajr is-sistema ta' qfil.

(6) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fin-nota Addizzjonali 1 għall-Kapitolu 64 tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, it-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu hija sostitwita b'li ġej:

"Wara t-tneħħija tar-rinforzamenti, il-materjal viżibbli għandu jkollu l-karatteristiċi ta' wiċċ u mhux ta' inforra, li jappoġġja s-sieq biżżejjed biex min jilbsu, bis-sistemi ta' qfil maqfula, ikun jista' jimxi biż-żarbun."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'issem il-President,
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] [2008] ECR, p. I-4037.